MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2126/2002

**Pater Finance Co. Ltd**

**Vs**

**Georgina Farrugia u zewgha Alfred Farrugia**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 1010.00c (elf u ghaxar liri Maltin) rappresentanti import ta' ghaxar kambjali, ta' 101 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numru minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal- 1 ta' Settembru 2002 jammontaw ghal Lm32 (tnejn u tlettin

lira Maltin) oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment utal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 2002, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**